MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 395/2002

**Artikoli 49, 50, 86, 221 (1), 325 (d), 262, 263, 269, 276, 277, 278**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvana Agius**
v

**ANGELO MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANGELO MIFSUD** bin Michael u Maria Assunta xebba Scerri imwieled Haz-Zebbug nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Settembru, 1967 u residenti 14, Triq

tad-Dawl, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 447767 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-wiehed u tletin ta' Lulju, 2000 ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu gewwa l-fond numru tlieta, Alley 4, Ebona Street, Zebbug ikkommetta serq ta' par imsielet tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Marcelle Azzopardi li l-valur taghhom jammonta ghall-anqas minn mitt lira maltin, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-vjolenza u bil-lok ghad-dannu tas-sidien Marcelle Azzopardi u ommha Maria Anna Borg.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Marcelle Azzopardi minn Haz-Zebbug kontra l-volonta` taghha.

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marcelle Azzopardi gewwa d-dar ta' ommha f'Haz-Zebbug skond kif iccertifika it-tabib Doctor Godfrey Farrugia M.D. minn Haz-Zebbug.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli billi ghamel hsara fil-bieb ta' barra tal-fond numru tlieta, Alley 4, Ebona Street, Zebbug liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' hitja titratta ma l-akkuzat li sar recidiv billi huwa ikkommetta reat wara li huwa kien gie kkundannat ghal reat ta' serq b'sentenza fil-hdax ta' Dicembru, 1989 f'Hall C li saret definittiva.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni b'mod partikolari lill-Ispettur Silvana Agius, PC 896, Marcelle Azzopardi, Marianna Borg u lill-Ispettur Anthony Cassar.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali datat tlieta ta' Mejju, 2002 esebit fl-atti a fol 14 mmarkat bhala dokument CSH 2.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Ezaminat l-istqarrija rilaxxat nhar il-hdax ta' Novembru, 2001 mill-imputat esebit fl-atti mmarkat bhala dokument CSH 1 a fol 16 tal-atti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wara li wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit ta' zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tletin ta' Settembru, 2002 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata da parti tal-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif ammessi minnu.

Il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol 10 et seq tal-process minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghandu tmien konvinzjonijiet registrati fuqha meta kien instab hati ta' diversi serqiet, ingurja lill-ufficjali pubblici, feriti ta' natura gravi fuq terzi persuni fosthom ufficjal pubbliku u diversi reat ohra in konnessjoni mal-Ordinanza tat-Traffiku.

Illi l-imputat nghata diversi cansijiet f'hajtu tant illi nghata probation f'erbgha okkazjonijiet pero' mhux taht is-sorveljanza ta' ufficjal pubbliku u multi.  Illi dan nonostante l-imputat reggha kiser dufrejh mal-ligi u jinsab akkuzat bir-reati addebitati lilu.
Illi l-Qorti qiset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz partikolarment li l-imputat deher li huwa kaz socjali u ghandu bzonn l-ghajnuna u supervizjoni f'hajjtu.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi dan hu proprju kaz li jimmerita n-nomina ta' supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe artikoli 49, 50, 86, 221 (1), 325 (d), 262, 263, 269, 276, 277, 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk wara li rat l-artikolu fuq citati, tiddikjara li ssib lill-imputat ANGELO MIFSUD hati tal-imputazzjonijiet kif dedotta kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-llum u tordna li jitqieghed taht is-supervizjoni kontinwa tal-Ufficjal tal-Probation, liema ufficjal ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services, ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li l-imputat probationer, jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation, li ghandu jzomm kuntatt regolari mal-istess Ufficjal tal-Probation u f'kaz illi huwa jonqos li jaghmel dan, il-Qorti tesigi li tkun infurmata mill-Ufficjal tal-Probation minnufih.**

**Il-Qorti tordna ukoll lill-Ufficjal tal-Probation igib quddiem il-Qorti lill-imputat probation darba kull sitt xhur.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lill-imputat li ddikjara li fehem it-tifsira taghha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------